# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 ta' Frar, 2017.**

**Rikors Numru 319/2016 SM**

**Mark u Josielle konjugi Gaffarena**

**vs.**

**Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat l-20 t'April, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' kuntratt ta' permuta *in atti* tan-Nutar Dottor Anthony Hili datat l-10 t'April, 2015, inghataw diversi proprjetajiet, mill-intimat, fosthom porzjon art inkluzi

strutturi fi stat dilapidat f'Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, kif deskrita fl-istess kuntratt ta' permuta fuq indikat, (ara foll 3 *et sequitur*, partikolarment foll 5);

1.2. Illi l-intimat kien iddikjara l-istess proprjeta` fuq riferita bhala libera u franka, (ara foll 6);

1.3. Illi jirrizulta minflok li hemm terzi li qed jokkupaw l-istess porzjon art u allura qieghed icahhadhom mid-dgawdija tal-istess;

1.4. Illi ghalkemm debitament interpellat permezz t'ittra ufficjali datata t-8 ta' Marzu, 2016, biex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu, l-intimat baqa' inadempjenti u injora l-istess interpellanza;

1.5. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex jinghataw indenniz *ai termini* tal-artiklu 1420 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.6. Illi ghaldaqstant qed jitolbu lill-intimat jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.6.1. Tiddikjara li l-intimat naqas mill-garanzija tal-pacifiku pussess minnu moghtija lir-rikorrenti fuq l-art in dizamina permezz tal-kuntratt ta' permuta fuq riferit billi naqas li jnehhi dan is-servitu` jew piz minn fuq l-art *de quo* biex b'hekk ikkaguna dannu lir-rikorrenti;

1.6.2. Tillikwida d-danni hekk ikkagunati, anke bl-opra ta' periti nominandi jekk mehtieg;

1.6.3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

1.6.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat is-27 t'April, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 11);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata z-19 ta' Mejju, 2016, li permezz taghha l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

3.1. Illi preliminarjament il-proprjeta` in dizamina hi kolpita b'kawza fl-ismijiet ***Il-Prim Ministru et vs. Mark u Josielle konjugi Gaffarena et***, ***Rikors Numru 53/2016*** prezentement pendenti quddiem din il-qorti diversament preseduta;

3.2. Illi konsegwenza tal-istess procedura indikata fil-paragrafu precedenti jitlob li tigi ordnata s-soprasessjoni ta' din il-procedura sakemm ikun hemm ezitu finali fil-kawza indikata fil-paragrafu precedenti *stante* li dik il-procedura tista' tinfluwixxi b'mod dirett fuq il-mertu tal-procedura odjerna;

3.3. Illi r-risposta tkompli tindirizza l-mertu tal-procedura li in vista tad-digriet taghha datat id-9 ta' Gunju, 2016, (ara foll 23), mhux il-kaz li tigi elenkata;

4. Rat id-digriet taghha indikat fil-paragrafu precedenti, fejn fuq talba tal-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, il-kontendenti gew awtorizzati jittrattaw din l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat, (ara paragrafu numru tlieta punt zero, (3.0.), aktar qabel u foll 23);

5. Rat ukoll id-digriet taghha tal-istess data indikata fil-paragrafu precedenti fejn wara talba tal-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw l-eccezzjoni preliminari in dizamina bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 23);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat datata d-9 t'Awwissu, 2016, (ara foll 24), u dik tar-rikorrenti datata d-29 ta' Settembru, 2016, (ara foll 32);

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, (ara foll 36);

Ikkunsidrat:

8. Illi tenut kont tas-suespost din hi allura **sentenza parzjali** rigwardanti l-**ewwel eccezzjoni preliminari** sollevata mill-intimat, (ara paragrafu numru tlieta punt zero, (3.0.), aktar qabel u foll 18 paragrafu numru wiehed, (1.));

9.0. Illi permezz tal-istess eccezzjoni preliminari minnu sollevata l-intimat qieghed sintetikament jitlob is-segwenti:

9.1. Illi din il-qorti ghandha tissoprassjedi fuq din il-procedura;

9.2. Illi tali talba hi bbazata fuq il-fatt li l-proprjeta` meritu tal-istess hi milquta bi procedura ohra fl-ismijiet ***Il-Prim Ministru et vs. Mark u Josielle Gaffarena et*** Rikors Numru 56/2016 prezentement pendenti quddiem din il-qorti diversament preseduta, (ara foll 18);

9.3. Illi l-mertu tal-procedura indikata fil-paragrafu precedenti tirrigwarda r-rexissjoni tal-kuntratt ta' permuta datat l-10 t'April, 2015, (ara foll 3 *et sequitur*), li permezz tieghu l-proprjeta` mertu tal-procedura odjerna ghaddiet f'idejn ir-rikorrenti;

9.4. Illi b'differenza mill-istess, il-mertu tal-procedura in dizamina hu l-allegat danni ikkagunat lir-rikorrenti mill-intimat *stante* l-allegat nuqqas tal-intimat li jonora l-garanzija minnu moghtija lir-rikorrenti tal-pacifiku pussess;

Ikkunsidrat:

10. Illi in vista tal-premess, permezz tal-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu, l-intimat jallega li kemm- il-darba l-qorti l-ohra kolpita bl-analizi tal-kuntratt datat l-10 t'April, 2015, kif fuq indikat tiddikjara li l-istess kuntratt hu rexiss, il-proprjeta` meritu tal-kawza odjerna tirriverti lura fil-pussess tal-Gvern ta' Malta u allura ma jkun hemm l-ebda skop ta' rikjam ta' danni kif hawn allegati mir-rikorrenti ghaliex il-proprjeta` *de quo* ma tkunx tieghu;

11.0. Illi min-naha taghhom ir-rikorrenti sintetikament isosstnu s-segwenti:

11.1. Illi sakemm tigi deciza l-kawza fuq riferita pendenti quddiem din il-qorti diversament preseduta, il-kuntratt ta' permuta in dizamina ghandu jibqa' jitqies li hu validu;

11.2. Illi *di piu`*, jissottomettu li l-eccezzjoni tan-nullita` tal-kuntratt in dizamina ma gietx intavolata quddiem il-qorti odjerna;

11.3. Illi finalment, isosstnu wkoll li l-kawzi in dizamina fuq riferiti huma indipendenti minn xulxin;

Ikkunsidrat:

12. Illi f'dan ir-rigward il-gurisprudenza lokali sintetikament tghallem li s-sopressjoni hi ammessa u ghandha tigi dekretata meta dan ikun ***spedjenti***;

13. Illi f'dan ir-rigward, il-kelma **"spedjenti"** giet imfissra bil-mod segwenti:

> "...fejn il-kwistjoni involuta fil-kawza pendenti quddiem qorti ohra, (fil-kaz prezenti, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili), hija tali li d-decizjoni tista' tinfluwixxi "*a planta pedis*" fuq il-mertu tal-azzjoni prezenti", (***Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)***, fl-ismijiet ***Francesco Galea vs. Pawlu Galea***, datata t-***23 t'April, 1955***, ***Vol. XXXIXC (1955), P I, p. 407***);

Ikkunsidrat:

14. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jirrizulta pacifiku li fil-procedura sottolineata mill-intimat prezentement pendenti quddiem din il-qorti diversament preseduta, (ara paragrafu numru tlieta punt zero, (3.0.), aktar qabel u foll 18), tezisti l-possibilita` reali li effettivament ir-rikorrenti odjerni, (hemmhekk intimati), jigu dikjarati li m'ghandhomx it-titolu minnhom vantati;

15. Illi kemm- il darba allura l-kuntratt in dizamina, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel, u foll 3), jigi kurjalment impunjat, ir-rikorrenti odjerni jitilfu kwalunkwe *locus standi* li huma seta' kellhom fil-procedura odjerna;

16. Illi *stante* dan in-nexus dirett hekk riskontrat bejn il-procedura fuq riferita u din il-procedura hawn in dizamina ghandu jkun pacifiku li l-ezitu tal-procedura odjerna tirrizulta li hi dipendenti kompletament mill-ezitu tal-procedura l-ohra fuq riferita prezentement pendenti quddiem din il-qorti diversament preseduta;

Ikkunsidrat:

17. Illi f'dan ir-rigward fil-kawza fl-ismijiet ***Carmelo Calamatta et vs. Mario Darmenia et***, datata t-***12 ta' Novembru, 2003***, il-***Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)***, irriteniet is-segwenti:

> "Il-provvediment tas-soprasessjoni huwa allura indikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni ..."

18. Illi kif irriteniet il-***Qorti tal-Appell*** fil-kawza fl-ismijiet ***Giovanna Cardona vs. Carmelo Pisani*** datata l-***4 ta' Novembru, 1957***, (***Volum XLI, P. I, p.507***), il-kwistjoni tas-soprasessjoni hawn sollevata effettivament hi:

> "...rimedju straordinarju, li ghalih il-qorti ghandha tirrikorri ghalih biss meta hu mehtieg fl-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja x'hin tinqala xi kwistjoni delikata u gdida li d-decizjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza u fl-istess hin ma tistax tigi ezaminata fl-istess kawza, jew minhabba n-natura guridika taghha ma jkunx konvenjenti li tigi ezaminata u deciza hlief f'kawza ohra separata li tkun trid tigi proposta appozitament";

Ikkunsidrat:

19. Illi jirrizulta palezement affermat mill-intimat li t-titolu vantat mir-rikorrenti fl-atti ta' din il-procedura jinsab kontestat fi procedura legali ohra permezz ta' Rikors Numru 53/2016 fl-ismijiet ***Il-Prim Ministru et vs. Mark u Josielle Gaffarena et***, (ara paragrafu numru disgha punt tnejn, (9.2.), aktar qabel, u foll 18 u 24);

20. Illi ghalhekk jirrizulta, li l-istess titolu li fuqu, u bis-sahha tieghu, r-rikorrenti odjerni bbazaw il-kawza odjerna biex permezz tieghu jitolbu danni *stante* li qed jirritjenu li kien l-intimat li fil-konfront taghhom naqas mill-obbligu tieghu li jiggarantixxi l-pacifiku pussess kif pattwit fil-kuntratt datat l-10 t'April, 2015, (ara foll 3), qieghed issa jigi investigat *funditus* fil-procedura indikata fil-paragrafu precedenti;

21. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-procedura l-ohra fuq riferita, (ara paragrafu numru dsatax (19.), aktar qabel), ghandha effett dirett u immedjat fuq il-procedura hawn in dizamina *stante* li kemm- il darba tigi akkolta t-talba tar-rikorrenti f'dik il-procedura l-ohra, allura bhala effett dirett taghha, l-kuntratt tal-10 t'April, 2015, hawn ukoll in dizamina u li fuqu hi bbazata l-azzjoni odjerna, jingieb fix-xejn – bir-rizultat li r-rikorrenti odjerni ma jkollhom l-ebda istanza li fuqha jkunu jistghu jibbazaw l-azzjoni odjerna taghhom;

Ikkunsidrat:

22. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta allura xieraq, logiku u espedjenti li l-gudizzju f'din il-procedura jigi sospiz sakemm il-vertenza dwar it-titolu in materja sollevat quddiem din l-istess qorti diversament preseduta jigi investigat u epurat kif jixraq mill-istess qorti kolpita bl-istess istanza in dizamina;

23.0. Ill konsegwentement tiddikjara li hi sodisfatta li l-intimat ipprova l-ewwel eccezzjoni preliminari minnu sollevata, u ghalhekk:

**DECIDE:**

23.1. Tordna s-soprasessjoni tal-procedura prezenti sakemm tigi definita b'mod finali l-kawza fl-ismijiet ***Il-Prim***

***Ministru et vs. Mark u Josielle konjugi Gaffarena et***, ***Rikors Numru 53/2016*** prezentement pendenti quddiem din il-qorti diversament preseduta;

23.2. Tiddikjara wkoll li l-procedura odjerna sussegwentement tiehu l-kors taghha meta jispicca l-motiv tas-soprasessjoni fuq riferit, u dan, fuq talba ta' wahda mill-partijiet;

23.3. L-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu ghalhekk rizervati.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**